MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 372/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

Illi hija zzewget lill-intimat fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) – Certifikat taz-zwieg anness Dok 'A';

Illi l-partijiet xoljew u llikwidwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ppubblikat in atti Nutar Robert John Muscat datat disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) – kopja annessa Dok 'B';

Illi l-partijiet ma kellhomx ulied minn dan iz-zwieg;

Illi r-rikorrenti tiddikjara li hi ddekadiet mid-dritt illi titlob manteniment minghand l-intimat;

Illi l-intimat irrinunzja ghad-dritt tieghu li jircievi l-manteniment minghand ir-rikorrenti;

Illi ghaddew aktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat Maurizio Sidoti bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Lulju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimat Maurizio Sidoti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti Ruth Portelli;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Jannar 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------